# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 316/2016

**Il-Pulizja**

**Spettur Christabelle Chetcuti**

**vs**

**Carl Ciantar**

Seduta tal- 25 ta' Gunju, 2020

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Carl Ciantar detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 421789 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli, nhar it-18 ta' Marzu 2016 ghall-habta ta' bejn 15.50hrs u 16.00hrs u/jew kif ukoll ghall-habta tat-15.30hrs fi Triq Hal Luqa Rahal Gdid u/jew gewwa SS, Triq Hal Luqa Rahal Gdid u/jew f'dawn il-Gzejjer;

1. Ghamel lil Maria Cassar u Mario Cassar ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bl-imgieba tieghu, fil-prezenza ta' minuri, ikkaguna lil Maria Cassar u Mario Cassar jibzaw li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta taghhom jew kontra l-persuna ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni ohra u hekk huwa jaf jew messu kien jaf li l-imgieba tieghu ikkagunat lil msemmija persuna jibzaw;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb kontra Maria Cassar sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmillha hsara.

4. U aktar talli fl-istess data u lok, ghall-habta tas-18.30hrs waqt li kien qed jaghmel uzu minn vettura ta l-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni JBU-584 minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom, jew qabad armi ohra kontra Maria Cassar u Mario Cassar.

5. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

6. Aktar talli nhar it-18 ta' Marzu 2016 u granet jew xhur ta' qabel f'hinijiet differenti gewwa dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat, jew bil-hsieb li jiehu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghel lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi

persuna ohra, jew ghamel uzu mhux xieraq bih fil-konfront ta' Maria Cassar;

7. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 19 ta' Frar 2014 mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona, u li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor waqt li jkun mehlus mill-arrest;

8. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'sentenza mghotija mill-qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

9. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser l-ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin moghtija lilu nhar it-2 ta' April 2014 mill-Magistrat Dr. Nathasha Galea Sciberras.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tiprovdi ghas-sigurta ta' Maria Cassar u Mario Cassar garanzija taht l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll tohrog ordni ta' protezzjoni sabiex tiprovdi ghas-sigurta' tal-persuni offizi jew individwi ohra skont l-artikolu 412(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti intalbet ukoll sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka '*contrario imperio*' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna l-imsemmi Carl Ciantar jibqa' jinzamm arrestat. Kif ukoll tordna li s-somma ta' hamest elef

Ewro (€5,000) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' Gunju, 2016, li biha ddikjarat lill-imputat recidiv, ma sabitux hati tat-tielet imputazzjoni izda hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha u kkundannatu ghall-piena ta' ghaxar xhur prigunerija kwantu l-ewwel sitt imputazzjonijiet u ghal piena ta' sitt xhur prigunerija kwantu s-seba' imputazzjoni. Inoltre il-Qorti irrevokat *contrario imperio* id-digriet ghal-ghoti tal-helsien mill-arrest koncess lill-imputat mill-Qorti presjeduta mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona nhar id-19 ta' Frar 2014 u ordnat l-arrest mill-gdid tieghu. Ordnat ukoll li s-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) moghtija bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta. Kwantu d-disa' imputazzjoni, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lil Carl Ciantar hati li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation moghtija lilu u ghalhekk trattat mal-hati ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien mqieghed taht dik l-ordni daqs li kieku kien ghadu kemm ikun dikjarat hati minn jew quddiem dik il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet u filwaqt li ghal kull buon fini kkonfermatu hati fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, hassret l-ordni tal-probation maghmula bis-sentenza imsemmija u wara li rat l-Artikoli 9, 10(1), 12 u 22(1)(a)(b)(2)(b)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, cioe l-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u fir-regolamenti 2, 9 u 16 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292 tal-1939) kif ukoll l-Artikoli 49, 50, 287 u 289 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7, 18, 21, 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannat lill-imsemmi Carl Ciantar ghall-piena ta' tmien xhur prigunerija u ghal multa ta' elf ewro (€1,000) li setghet tithallas fuq perjodu ta' massimu ta' tliet snin. Ghall-fini

ta' kjarezza, bis-sahha ta' din is-sentenza Carl Ciantar ghalhekk kien kkundannat ghal perjodu kumplessiv ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija flimkien mal-hlas ta' multa ta' elf ewro (€1,000). Inoltre, wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, il-Qorti sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Maria Cassar, Dolores Cassar, Mario Cassar u l-familjari kollha taghhom, kif ukoll sabiex tipprotegihom minn fastidju jew molestja inkluz hsara fizika jew patrimonjali taghhom harget ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat ai termini tal-Artikolu 412C(3) tal-Kodici Kriminali; fit-termini segwenti:

a) Tipprojbixxi l-hati milli b'kull mod, kemm direttament kif ukoll indirettament, inkluz permezz tat-telefon jew b'xi mod iehor ikellem, javvicina, jimmolesta, jivvessa, idejjaq jew jiffastidja lil Maria Cassar, Dolores Cassar, Mario Cassar u l-familjari kollha taghhom;
b) Din l-ordni tibqa' fis-sehh ghal perjodu ta' tliet snin;
c) Jekk minghajr raguni valida l-hati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu jista' jekk jinstab hati jehel multa ta' elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329,37) jew prigunerija ta' mhux izjed minn sitt (6) xhur jew it-tnejn flimkien.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Carl Ciantar, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Gunju, 2016, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti **thassar u tannulla** s-sentenza appellata billi tiddikjara l-istess sentenza nulla u bla effett, jew alternattivament **tirriforma** s-sentenza appellata billi filwaqt illi **tikkonfermaha** fil-parti fejn sabitu mhux hati tat-tielet imputazzjoni, **thassarha** u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet enumerati wiehed (1), tnejn (2), erbgha (4), hamsa (5), sitta (6), sebgha (7), tmienja (8) u disgha (9) u minflok tiddikjarah mhux hati taghhom u konsegwentement

tilliberah minnhom, jew sussidjarjament **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti:

Ikkunsidrat:

1. L-ewwel lanjanza tal-imputat dwar is-sentenza appellata hi wahda ta' natura procedurali bl-allegazzjoni ta' nullita' u dan ghaliex filwaqt illi l-ewwel Qorti ddikjaratu mhux hati tat-tielet imputazzjoni, fl-istess waqt kkundannatu ghall-istess reat. Huwa minnu illi l-ewwel Qorti ddikjarat lill-imputat mhux hati tat-tielet imputazzjoni, dik kontravenzjonali konsistenti fl-allegat hebb kontra l-persuna ta' Maria Cassar sabiex jingurjaha, jdejjaqha jew jghamillha hsara. Din il-liberazzjoni tirrizulta sia mill-korp tas-sentenza kif ukoll mill-parti decizorja u ma hemmx ekwivoku dwar dan. Fl-istess hin, izda, meta l-ewwel Qorti giet biex teroga l-piena ghamlet hekk b'mod spezzettat u cioe' ghar-rigward tal-ewwel sitt imputazzjonijiet kkundannat lill-imputat komplessivament ghal-terminu ta' prigunerija ta' ghaxar xhur. Kwantu r-rimarrenti imputazzjonijiet, a skans ta' ripetizzjoni ssir referenza ghall-parti introduttorja ta' dan l-appell;

2. Huwa minnu ghalhekk dak li jilmenta dwaru l-appellant illi filwaqt illi kien liberat mit-tielet imputazzjoni, fl-istess hin jidher li nghata piena dwarha. L-appellant, izda, ma ghandux ragun fil-konkluzzjoni tieghu li dan igib in-nullita' tas-sentenza.

Huwa evidenti illi dan si tratta ta' *lapsus calami* da parti tal-Magistrat decident ghaliex il-liberazzjoni kienet wahda cara u minghajr ekwivoku u s-sejbien ta' htija "*tal-kumplament tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu*" hija ugwalment cara u minghajr ekwivoku. Il-lapsus tal-ewwel Qorti ma jistax jitqies bhala ingredjent ta' portata tali li tirrendi s-sentenza taghha nulla u dan ghaliex kienu osservati l-elementi kollha tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Dak li minnu jilmenta l-appellant seta' jaghti lok ghall-appell dwar il-piena izda certament mhux dwar il-validita' tas-sentenza. Ghal dawn ir-ragunijiet l-ewwel aggravju qed ikun michud;

3. Fit-tieni gravam tieghu, l-imputat jallega l-apprezzament zbaljat tal-provi mill-ewwel Qorti bazat fuq il-fehma tieghu li l-ewwel Qorti skartat dak kollu li qal l-imputat u emmnet f'kollox lill-parte civile u lill-genituri taghha. Din hija lanjanza wisq drabi sollevata f'dan l-istadju tal-proceduri penali u ghalhekk tajjeb li jkun mfakkar il-monitu li issa huwa assodat fil-gurisprudenza u li din il-Qorti ser timxi fuqu anke f'dan l-appell. Bhala Qorti ta' revizzjoni, din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk id-decizzjoni taghha, bazata fuq il-provi akkwiziti, kienet wahda li setghet tasal ghaliha b'mod ragjonat u skond il-ligi. Ir-*ratio* wara dan il-monitu hu li dan ma huwiex stadju ta' proceduri fejn l-appellant jittanta jara kif tahsibha din il-Qorti li kellha tiddeciedi l-kaz hi *ex novo*, izda huwa wiehed ta' revizjoni bil-ghan appena espress;

4. Fir-revizzjoni li allura jehtieg li ssir, din il-Qorti trid tezamina l-provi kollha mill-gdid u b'mod akkurat, dejjem bil-ghan li taghmel skrutinju fuq l-operat tal-ewwel Qorti. Issa, bhala bidu ghal dan l-ezercizzju, imiss li jkunu esposti l-fatti tal-kwistjoni odjerna li jirrigwardaw litigju bejn zewg adulti li fil-passat kellhom relazzjoni intima ghal xi zmien u li minnha

twieldu zewgt itrabi. L-omm, allura il-kwerelanta f'dawn il-proceduri, ddecidiet illi ma rieditx taf aktar bl-imputat wara li tatu dak li deherilha li kienu bizzejjed opportunitajiet lill-imputat sabiex jirranga hajtu u dan minghajr ma ttellfu l-opportunita' li jkun parti mill-hajja tal-minuri. Gara, izda, illi meta ried jara lit-tfal, l-kwerelanta deherilha li l-imputat ma kienx qieghed f'siktu u beda jgib ruhu b'mod li ghaliha kien familjari wisq meta jikkonsma d-droga. Dan ta lok ghall-hafna tghajjir, insulti, theddid u sahansitra l-imputat prezenta ruhu fir-residenza tal-kwerelanta li tghix ma' ommha u missierha fejn kien ukoll jghix precedentement hu stess fuq stedina tal-genituri;

5. Illi minn ezami akkurat tal-provi, din il-Qorti tqis illi dik tal-ewwel grad xtarret sew il-provi mressqa quddiemha u ghamlet evalwazzjoni korretta taghhom kif ukoll tal-ligi u tal-guridsprudenza u hi moralment konvinta illi l-process quddiem l-ewwel Qorti huwa wiehed inecepibbli. Fl-ewwel lok hija fid-diskrezzjoni tal-gudikant liema mill-verzjonijiet ghandu jemmen, naturalment basta li ma jkun hemm xejn li jiddimostra li kien illogiku jew irragjonevoli li tghazel dik il-verzjoni minn ohra. Fit-tieni lok, l-ghazla bejn il-verzjonijiet, dejjem fi hdan ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, ma jfissirx li l-parti li mhix emnuta ghandha awtomatikament tinstab hatja ghaliex l-azzjoni jew azzjonijiet u anke l-inazzjoni trid imbaghad tkun ezaminata mill-ottika tal-ligi, ossia tal-allegat reat;

6. U anke hawn, l-ewwel Qorti kienet ghaqlija, kawta u preciza fl-interpretazzjoni ta' dak li ghazlet li tikwalifika bhala l-fatti tal-kaz. L-azzjonijiet tal-imputat taw lok ghal diversi ipotezi ta' reati fosthom il-biza' li ser tintuza vjolenza kontra l-kwerelanti u theddid permezz ta' mezzi elettronici. Il-Qorti ezaminat ir-referenzi li l-ewwel Qorti ghamlet ghal sentenzi tal-

qrati taghna li uzat bhala gwida ghall-ezami tal-elementi tar-reati u hija konkordi mal-motivazzjonijiet u ragunament tal-istess l-ewwel Qorti. Din il-Qorti ma taqbel xejn mal-argumenti mressaqa mill-appellant ghaliex l-kwerelanta ma kellhiex titwemmen. Jekk il-kwerelanta kienet deskritta f'sentenza ohra bhala persuna li ma tantx tidher illi kienet xi wahda illi tibza, skond l-imputat, ma jfissirx b'daqshekk li ma kientix imbezza' bl-akkadut minnha denunzjat f'din l-okkazjoni. Jekk l-messaggi telefonici murija mill-kwerelanta lill-ewwel Qorti ma kienux kontestati bhala provenjenti mit-telefon tal-imputat, ma jistax l-istess imputat jikritika lill-Qorti li emmnet li dawk kienu provenjenti mit-telefon tieghu. Ghalhekk it-tieni aggravju qed ikun michud;

7. It-tielet lanjanza tal-imputat tirrigwarda l-piena erogata. Similment ghal-dak li intqal dwar id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti fir-raggungiment tal-konkluzzjonijiet taghha, huwa ormai palezi illi sakemm il-piena tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li din kellha tkun anqas jew aktar minn dik kominata, din il-Qorti ma tissostitwix id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti in rigward. Huwa minnu illi din il-Qorti gieli biddlet il-piena erogata mill-ewwel Qorti u dan, statistikament, fejn jirrigwarda cirkostanzi ta' bdil fil-hajja raffrettarja tal-imputat, f'kazijiet fejn piena karceraja tkun pruvata li hi ta' detriment ghall-possibbli riabilitazzjoni identifikata u fattibbli tal-imputat. Kull kaz, izda, irid ikun deciz fuq il-fatti speci tieghu;

8. L-ewwel ilment tal-imputat in rigward hu li l-kundanna ghall-ghaxar xhur prigunerija hija wahda eccessiva meta ezami tal-imputazzjonijiet juru illi l-maggoranza taghhom huma ta' natura kontravenzjonali izda jirrikonoxxi illi t-tieni imputazzjoni ggib maghha piena ta' prigunerija ghal seba' xhur bl-addebitu ta' recidiva "*IZDA meta wiehed jara l-istampa kollha tal-allegat*

*incident dan bid-dovut rispett mhux kaz illi wiehed jigi kkundannat ghaxar (10) xhur prigunerija, ahseb u ara erbgha u ghoxrin (24) xahar*". L-ewwel Qorti spjegat ghaliex u kif kienet qed timponi l-prigunerija ta' ghaxar xhur ghall-ewwel sitt imputazzjonijiet. Kwantu s-seba imputazzjoni, dik ta' ksur tal-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, l-ewwel Qorti imponiet piena ta' sitt xhur prigunerija meta dan ir-reat hu passibbli ghall-piena ta' prigunerija minn erba' xhur sa sentejn u kellha imbaghad titratta mal-imputat ghall-ksur tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta u kkundannatu ghal-prigunerija ta' tmien xhur u multa ta' elf euro dwar ksur tal-Kapitolu 101 dwar il-medicini perikoluzi. It-total ghalhekk huwa konsegwenza tas-sejbien ta' htija fir-reati principali u l-kumplament huwa spjegabbli bhala wiehed konsegwenzjali u mhux, kif donnu qed ipingi l-istampa l-imputat, illi wehel 24 xahar prigunerija ghall-reati li fil-maggior parti taghhom huma ta' natura kontravenzjonali;

9. L-imputat iressaq l-argument illi l-kwerelanta ghamlitha cara illi dak li kienet qed tfittex kien protezzjoni ghaliha u ghall-familja taghha. L-ewwel Qorti, hadet konjizzjoni ta' dan u elenkat dan il-fatt fil-motivazzjonijiet taghha ukoll, u rrimarkat illi l-kwerelanta kienet taf illi l-azzjonijiet tal-imputat setghu iwasslu ghall-piena ta' nkarcerazzjoni. L-ewwel Qorti rat il-gravita' tas-sitwazzjoni, ddeskriviet il-passat tal-imputat bhala wiehed ta' recidivita' plurima u din il-Qorti taqbel mal-istess tenut illi hawn si tratta ta' persuna illi ma tridx tirrispetta l-fatt illi s-siehba tieghu ma tridx ikollha aktar konnessjoni mieghu filwaqt li tirrispetta li hu missier il-minuri u li ghandu dritt ta' godiment taghhom bhala missier. Minkejja dan, l-imputat jhedded lill-kwerelanta li ser jistupraha u li fadlilha hajja sal-ahhar tas-sena. L-ewwel Qorti gharfet illi din hija l-unika soluzzjoni sabiex trazzan lill-imputat mill-azzjonijiet ta' vjolenza

domestika da parti tieghu u din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan;

10. L-imputat jilmenta ukoll illi kwantu s-seba' imputazzjoni, dik tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, "*l-Ewwel Onorabbli Qorti, f'kaz ta' sejbien ta' htija, kienet kostretta BISS illi tordna il-konfiska tad-depozitu u l-garanzija illi ghandu l-esponent minghajr ma tiehu provvedimenti ohrajn. Illi ghal darb'ohra l-Qorti marret oltre minn dak illi hi kostretta, ghall-kuntrarju talli tenniet fis-sentenza taghha, stante' illi ma kinitx kostretta illi timponi piena karcerarja, ghaldaqstant ma kellhiex ghalfejn timponi izjed habs talli allegatament kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest*". Id-dispost tal-artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali huwa car u jhalli f'idejn il-Qorti jekk tissoministrax piena pekunarja jew wahda karcerarja jew it-tnejn;

11. L-appellant m'ghandux ragun f'dan l-argument. La darba huwa tressaq bi ksur tal-artikolu 579(2) quddiem l-ewwel Qorti u mhux quddiem dik il-Qorti li kienet qed tisma' l-kawza kontra tieghu u li ghalih tatu l-helsien mill-arrest, l-ewwel Qorti kellha titratta mieghu, la darba sabitu hati, billi timponi piena pekunarja jew ta' prigunerija jew tat-tnejn flimkien u ghazlet dik karcerarja. U dwar dan, din il-Qorti mhix ser tinoltra aktar;

12. L-ahhar ragunament mressaq mill-appellant ghall-kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti hu li kwantu l-ksur tal-ordni ta' probation kif rifless fid-disa' mputazzjoni, l-ewwel Qorti setghet rrikorriet ghall-piena restorattiva minflok dik retributtiva meta mponiet piena karcerarja ta' tmien xhur. L-imputat hawnhekk jirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 t'April, 2014 li fiha instab hati ta' pussess ta' droga u pussess ta' oggetti li ma kienux tal-kundizzjoni tieghu wara li kien kkundannat ghar-reat ta' serq. F'dik is-sentenza l-Qorti spjegat

illi ma kienitx qed timponi piena karcerarja ghaliex fil-mori l-imputat kien inkarcerat b'mod preventiv fuq kwistjoni ohra u li kien qed juri progress fir-riabilitazzjoni tieghu. Jidher izda, li l-imputat ghazel illi jinjora l-isforzi li kienu qed isiru mill-awtoritajiet fil-konfront tieghu. Waqt li qieghed fuq ordni ta' probation u waqt li qieghed mehlus mill-arrest dwar kaz iehor, ghazel li jaghmel dak li bih huwa imputat. Il-pacenzja u t-tama ta' din il-Qorti kif komposta m'ghandhiex konfini fejn si tratta ta' possibbilita' ta' riabilitazzjoni. L-imputat, izda, wasal fi stat fejn irid jaghmel il-kontijiet mal-pendenzi kollha tieghu sabiex jaghlaq dan il-kapitolu ta' hajtu fejn jinsab taht ix-xabla ta' ordni ta' probation, ksur tal-helsien mill-arrest u recidivita' plurima. Huwa ma ta ebda raguni ghaliex il-Qorti ghandha tinvesti f'piena alternattiva hlief li ghamel referenza ghall-sentenzi ohra ta' din il-Qorti li, izda, fil-fehma ta' din il-Qorti, m'ghadhomx japplikaw ghall-kaz in disamina.

13. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud. Il-Qorti ghaddiet biex tfisser lill-appellant l-import tal-ordni ta' protezzjoni mposta mill-ewwel Qorti.